



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' April 2024
(OR. en)

8567/24

COPS 175
EUMC 160
COWEB 48
POLMIL 123
CFSP/PESC 529
CSDP/PSDC 226
PSC DEC 21
BIH 5
RELEX 482

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ dwar l-aċċettazzjoni tal-kontribut ta' Stat terz għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina (BiH/36/2024)

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2024/...

ta' ...

**dwar l-aċċettazzjoni tal-kontribut ta' Stat terz
għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Herzegovina
(BiH/36/2024)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari tal-Artikolu 38, it-tielet paragrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2004/570/PESK tat-12 ta' Lulju 2004 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Herzegovina¹,

¹ ĠU L 252, 28.7.2004, p. 10.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 11(2) tal-Azzjoni Konġunta 2004/570/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà biex jieħu, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE u l-Kumitat Militari tal-UE (EUMC), id-deċiżjonijiet rilevanti dwar l-aċċettazzjoni tal-kontributi proposti minn Stati terzi għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina.
- (2) Wara r-rakkomandazzjonijiet mill-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE u mill-EUMC rigward kontribuzzjoni mir-Repubblika tal-Moldova, jenħtieġ li dik l-kontribuzzjoni tiġi aċċettata u kkunsidrata bħala sinifikanti.
- (3) Fit-12 u t-13 ta' Diċembru 2002, il-Kunsill Ewropew ta' Copenhagen adotta dikjarazzjoni li tgħid li l-arranġamenti "Berlin Plus" u l-implimentazzjoni tagħhom ser japplikaw biss għal dawk l-Istati Membri tal-Unjoni li huma wkoll jew membri tan-NATO jew membri fil-programm "Sħubija għall-Paċi", u li konsegwentement ikkonkludew ftehimiet bilaterali dwar is-sigurtà man-NATO,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-kontribut mir-Repubblika tal-Moldova għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Herzegovina (Operazzjoni ALTHEA) huwa aċċettat u kkunsidrat bħala sinifikanti.
2. Ir-Repubblika tal-Moldova hija eżentata minn kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-baġit tal-Operazzjoni ALTHEA.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, ...

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President
